2024/2523

25.9.2024

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2523

**tat-23 ta' Settembru 2024**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2119 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fir-Rumanija**

*(notifikata bid-dokument C(2024) 6746)*

**(It-test Rumen biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar hija marda infettiva li taffettwa lill-annimali kaprini u ovini u li jista' jkollha impatt serju fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernati u fuq il-profittabbiltà tal-biedja, u dan jikkawża tfixkil fil-movimenti tal-kunsinni ta' dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fl-Unjoni u fl-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

(2) F'każ ta' tifqigħa tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fl-annimali kaprini jew ovini, hemm riskju serju li din il-marda tinxtered fi stabbilimenti oħra tal-annimali kaprini jew ovini.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, u ddefinit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]). B'mod partikolari, l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-istabbiliment ta' żona ristretta f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, inkluż l-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, u ċerti miżuri li għandhom jiġu applikati fiha. Barra minn hekk, l-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li ż-żona ristretta trid tkun tinkludi żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza, u jekk ikun meħtieġ, żoni ristretti ulterjuri madwar iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew maġenbhom.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2119 ([4]) ġiet adottata abbażi tar-Regolament (UE) 2016/429 u tistabbilixxi ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fir-Rumanija. B'mod aktar partikolari, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2119 tipprevedi li ż-żoni ta' protezzjoni, iż-żoni ta' sorveljanza u ż-żoni ristretti ulterjuri li għandu jistabbilixxi dak l-Istat Membru, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, wara t-tifqigħat ta' din il-marda, iridu jkunu jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2119 tad-29 ta' Lulju 2024 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fir-Rumanija (ĠU L, 2024/2119, 30.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/2119/oj).

(5) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2119, ir-Rumanija nnotifikat lill-Kummissjoni b'tifqigħat addizzjonali tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fi stabbilimenti fejn kienu jinżammu l-annimali ovini u kaprini fil-kontej ta' Tulcea, Constanta, Timis u Ialomita. B'riżultat ta' dan, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni ġiet emendata kif xieraq biex iqis dawk it-tifqigħat addizzjonali. L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2119 ġie emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2203 ([5]).

(6) Mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2203 'l hawn, ir-Rumanija nnotifikat lill-Kummissjoni b'sitt tifqigħat ġodda tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fi stabbilimenti fejn kienu jinżammu l-annimali ovini u kaprini: waħda fil-kontea ta' Tulcea; u ħamsa fil-kontea ta' Timis. Kull waħda minn dawn it-tifqigħat il-ġodda tinsab fil-parametru ta' barra taż-żoni ristretti ulterjuri, u fil-limiti taż-żoni ta' protezzjoni u taż-żoni ta' sorveljanza, li kienu diġà ġew stabbiliti wara t-tifqigħat ta' qabel.

(7) Għalhekk, iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza u żoni ristretti ulterjuri għar-Rumanija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2119 jenħtieġ li jiġu aġġustati aktar, sabiex jiġi evitat li l-marda tkompli tinxtered fir-Rumanija u lejn il-bqija tal-Unjoni, u d-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom jenħtieġ li tiġi aġġustata. Għaldaqstant, jeħtieġ jiġu emendati l-lista taż-żoni ristretti u d-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom, li huma stabbiliti fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(8) Id-daqs taż-żoni ta' protezzjoni, taż-żoni ta' sorveljanza u taż-żoni ristretti ulterjuri u d-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 u fuq ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687, inkluż is-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fiż-żoni affettwati minn din il-marda u s-sitwazzjoni epidemjoloġika kumplessiva tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fl-Istat Membru kkonċernat minnha, kif ukoll il-livell tar-riskju li din il-marda tkompli tinxtered. Jenħtieġ li d-durata tal-miżuri tkun tqis ukoll l-istandards internazzjonali tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH, World Organisation for Animal Health). Fis-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali, hemm riskju kbir li l-marda tkompli tinxtered, b'mod partikolari minħabba l-fatt li, skont l-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija, it-tifqigħat tal-marda qed ikomplu jseħħu kemm f'Timis kif ukoll f'Tulcea, ferm iktar minn xahar wara li ġiet irrappurtata l-ewwel tifqigħa fi kwalunkwe waħda mill-kontej.

(9) Minħabba s-severità u l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika u sabiex jiġi limitat minnufih it-tixrid tal-marda, jeħtieġ jiġi żgurat li ma jkunx hemm movimenti tal-annimali miż-żoni ta' protezzjoni, miż-żoni ta' sorveljanza u miż-żoni ristretti ulterjuri lejn destinazzjonijiet barra mill-perimetru estern taż-żona ristretta ulterjuri, u li għal ċertu perjodu ta' żmien jiġu eskluży d-derogi possibbli mill-projbizzjoni fuq il-movimenti tal-annimali miż-żoni ristretti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687, sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-marda fuq distanzi twal.

(10) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tat-tixrid tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar u l-ħtieġa li l-marda ma titħalliex tinxtered mill-istabbilimenti affettwati fir-Rumanija lejn partijiet oħra ta' dak l-Istat Membru jew lejn Stati Membri oħra, l-emendi li għandhom isiru fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2119 b'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jibdew japplikaw malajr kemm jista' jkun.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2203 tad-29 ta' Awwissu 2024 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2119 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni tal-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fir-Rumanija (ĠU L, 2024/2203, 30.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/2203/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emendi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2119**

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2119 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2024.

*Għall-Kummissjoni*
Stella KYRIAKIDES
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

A. **Żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti madwar it-tifqigħat ikkonfermati**

| Kontea u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa | Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza li jiffurmaw parti miż-żona ristretta fir-Rumanija kif imsemmi fl-Artikolu 1 | Data sa meta applikabbli |
|---|---|---|
| **Raggruppament tal-kontea ta' Tulcea**<br>RO-PPR-2024-00001<br>RO-PPR-2024-00002<br>RO-PPR-2024-00003<br>RO-PPR-2024-00004<br>RO-PPR-2024-00005<br>RO-PPR-2024-00007<br>RO-PPR-2024-00008<br>RO-PPR-2024-00009<br>RO-PPR-2024-00010<br>RO-PPR-2024-00011<br>RO-PPR-2024-00012<br>RO-PPR-2024-00013<br>RO-PPR-2024-00014<br>RO-PPR-2024-00015<br>RO-PPR-2024-00016<br>RO-PPR-2024-00017<br>RO-PPR-2024-00020<br>RO-PPR-2024-00021<br>RO-PPR-2024-00022<br>RO-PPR-2024-00024<br>RO-PPR-2024-00025<br>RO-PPR-2024-00026<br>RO-PPR-2024-00027<br>RO-PPR-2024-00028<br>RO-PPR-2024-00031<br>RO-PPR-2024-00032<br>RO-PPR-2024-00033<br>RO-PPR-2024-00034<br>RO-PPR-2024-00035<br>RO-PPR-2024-00037<br>RO-PPR-2024-00038<br>RO-PPR-2024-00039<br>RO-PPR-2024-00040<br>RO-PPR-2024-00041<br>RO-PPR-2024-00044<br>RO-PPR-2024-00045<br>RO-PPR-2024-00047<br>RO-PPR-2024-00048<br>RO-PPR-2024-00049<br>RO-PPR-2024-00050<br>RO-PPR-2024-00051<br>RO-PPR-2024-00052<br>RO-PPR-2024-00054<br>RO-PPR-2024-00055<br>RO-PPR-2024-00056<br>RO-PPR-2024-00058<br>RO-PPR-2024-00062 | Protection zone:<br>In the county of Tulcea, the following communes:<br>— Babadag<br>— Baia<br>— Beidaud<br>— Casimcea<br>— Ceamurlia de Jos<br>— Ciucurova<br>— Frecatei<br>— Izvoarele<br>— Jurilovca<br>— Mihai Bravu<br>— Mihail Kogalniceanu<br>— Nabant<br>— Sarichioi<br>— Slava Cercheza<br>— Stejaru<br>— Topolog<br>— Valea Nucarilor<br><br>In the county of Constanta, the following communes:<br>— Cogealac<br>— Corbu<br>— Fantanele<br>— Gradina<br>— Istria<br>— Mihai Viteazu<br>— Sacele<br>— Saraiu | 19.9.2024 |
| | Surveillance zone I:<br>In the county of Tulcea, the following communes:<br>— Bestepe<br>— Cerna<br>— Daeni<br>— Dorobantu<br>— Hamcearca<br>— Horia<br>— Isaccea<br>— Mahmudia<br>— Murighiol<br>— Niculitel<br>— Nufaru<br>— Ostrov<br>— Peceneaga<br>— Somova<br>— Tulcea<br>— Valea Teilor<br>— Carcaliu<br>— Greci<br>— Grindu<br>— I.C. Bratianu<br>— Jijila<br>— Luncavita<br>— Macin<br>— Smardan<br>— Turcoaia<br>— Vacareni | 28.9.2024 |

| Kontea u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa | Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza li jiffurmaw parti miż-żona ristretta fir-Rumanija kif imsemmi fl-Artikolu 1 | Data sa meta applikabbli |
|---|---|---|
| **Il-kontea ta' Constanta**<br>RO-PPR-2024-00006 | In the county of Constanta, the following communes:<br>— Garliciu<br>— Lumina<br>— Mihail Kogalniceanu<br>— Navodari<br>— Pantelimon<br>— Saraiu<br>— Targusor<br>— Vulturu<br>— Ciobanu<br>— Crucea<br>— Ghindaresti<br>— Harsova<br>— Horia<br>— Nicolae Balcescu<br>— Seimeni<br>— Silistea<br>— Topalu<br>— Tortoman<br>— Baraganu<br>— Cobadin<br>— Deleni<br>— Murfatlar<br>— Valu Lui Traian<br>excluding the areas contained in any protection zone | |
| | Surveillance zone II:<br>In the county of Tulcea, the following communes:<br>— Babadag<br>— Baia<br>— Beidaud<br>— Casimcea<br>— Ceamurlia de Jos<br>— Ciucurova<br>— Frecatei<br>— Izvoarele<br>— Jurilovca<br>— Mihai Bravu<br>— Mihail Kogalniceanu<br>— Nabant<br>— Sarichioi<br>— Slava Cercheza<br>— Stejaru<br>— Topolog<br>— Valea Nucarilor<br>In the county of Constanta, the following communes:<br>— Cogealac<br>— Corbu<br>— Fantanele<br>— Gradina<br>— Istria<br>— Mihai Viteazu<br>— Sacele<br>— Saraiu | 20.9.2024 – 28.9.2024 |
| **Il-kontea ta' Constanta**<br>RO-PPR-2024-00018 | Surveillance zone I, described for the country of Tulcea cluster above. | 28.9.2024 |
| | Surveillance zone II, described for the country of Tulcea cluster above. | 20.9.2024 – 28.9.2024 |
| **Il-kontea ta' Tulcea**<br>RO-PPR-2024-00029<br>RO-PPR-2024-00030 | Surveillance zone I, described for the country of Tulcea cluster above. | 28.9.2024 |
| | Surveillance zone II, described for the country of Tulcea cluster above. | 20.9.2024 – 28.9.2024 |

| Kontea u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa | Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza li jiffurmaw parti miż-żona ristretta fir-Rumanija kif imsemmi fl-Artikolu 1 | Data sa meta applikabbli |
|---|---|---|
| **Il-kontea ta' Tulcea**<br>RO-PPR-2024-00036 | Surveillance zone I, described for the country of Tulcea cluster above. | 28.9.2024 |
| | Surveillance zone II, described for the country of Tulcea cluster above. | 20.9.2024 – 28.9.2024 |
| **Il-kontea ta' Constanta**<br>RO-PPR-2024-00042<br>RO-PPR-2024-00043 | Surveillance zone I, described for the country of Tulcea cluster above. | 28.9.2024 |
| | Surveillance zone II, described for the country of Tulcea cluster above. | 20.9.2024 – 28.9.2024 |
| **Il-kontea ta' Constanta**<br>RO-PPR-2024-00057<br>RO-PPR-2024-00059 | Surveillance zone I, described for the country of Tulcea cluster above. | 28.9.2024 |
| | Surveillance zone II, described for the country of Tulcea cluster above. | 20.9.2024 – 28.9.2024 |
| **Il-kontea ta' Constanta**<br>RO-PPR-2024-00060 | Surveillance zone:<br>Those parts of the county of Constanta, contained within a circle of a radius of 10 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 44.2045, Long. 28.19483 (2024/60), excluding the areas included in any protection zone. | 15.9.2024 |
| | Surveillance zone:<br>Those parts of the county of Constanta, contained within a circle of a radius of 3 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 44.2045, Long. 28.19483 (2024/60) | 7.9.2024 – 15.9.2024 |
| **Il-kontea ta' Ialomita**<br>RO-PPR-2024-00053 | Surveillance zone I, described for the country of Tulcea cluster above. | 28.9.2024 |
| | Surveillance zone II, described for the country of Tulcea cluster above. | 20.9.2024 – 28.9.2024 |
| **Il-kontea ta' Tulcea**<br>RO-PPR-2024-00046 | Surveillance zone I, described for the country of Tulcea cluster above. | 28.9.2024 |
| | Surveillance zone II, described for the country of Tulcea cluster above. | 20.9.2024 – 28.9.2024 |
| **Il-kontea ta' Timis**<br>RO-PPR-2024-00019<br>RO-PPR-2024-00061<br>RO-PPR-2024-00063<br>RO-PPR-2024-00064<br>RO-PPR-2024-00065<br>RO-PPR-2024-00066<br>RO-PPR-2024-00067 | Protection zone:<br>Those parts of the counties of Timis, contained within a circle of a radius of 3 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 45.280895, Long. 21.473979 (2024/61), Lat. 45.280971, Long. 21.460345 (2024/63), Lat. 45.279911, Long. 21.47413 (2024/64), Lat. 45.281111, Long. 21.471944 (2024/65), Lat. 45.280833, Long. 21.464167 (2024/66). Lat. 45.280274, Long. 21.472984 (2024/67) | 7.10.2024 |
| | Surveillance zone:<br>Those parts of the counties of Timis and Caras-Severin, contained within a circle of a radius of 10 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 45.261807, Long. 21.451327 (2024/19) Lat. 45.280895, Long. 21.473979 (2024/61), Lat. 45.280971, Long. 21.460345 (2024/63), Lat. 45.279911, Long. 21.47413 (2024/64), Lat. 45.281111, Long. 21.471944 (2024/65), Lat. 45.280833, Long. 21.464167 (2024/66). Lat. 45.280274, Long. 21.472984 (2024/67) excluding the areas included in any protection zone. | 16.10.2024 |

| Kontea u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa | Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza li jiffurmaw parti miż-żona ristretta fir-Rumanija kif imsemmi fl-Artikolu 1 | Data sa meta applikabbli |
|---|---|---|
| | Surveillance zone:<br>Those parts of the counties of Timis and Caras-Severin, contained within a circle of a radius of 3 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 45.261807, Long. 21.451327 (2024/19) Lat. 45.280895, Long. 21.473979 (2024/61), Lat. 45.280971, Long. 21.460345 (2024/63), Lat. 45.279911, Long. 21.47413 (2024/64), Lat. 45.281111, Long. 21.471944 (2024/65), Lat. 45.280833, Long. 21.464167 (2024/66). Lat. 45.280274, Long. 21.472984 (2024/67). | 8.10.2024 – 16.10.2024 |

B. **Żoni ristretti ulterjuri**

| Kontea | Żoni inklużi fiż-żona ristretta ulterjuri stabbilita fir-Rumanija kif imsemmi fl-Artikolu 1 | Data sa meta applikabbli |
|---|---|---|
| **Il-kontea ta' Tulcea** | The entire county of Tulcea, excluding the areas included in any protection or surveillance zone. | 28.10.2024 |
| | The entire county of Tulcea | 29.9.2024 – 28.10.2024 |
| **Il-kontea ta' Constanta** | The following communes:<br>— Adamclisi<br>— Aliman<br>— Cernavoda<br>— Ciocarlia<br>— Cogealac<br>— Corbu<br>— Constanta<br>— Crucea<br>— Cuza voda<br>— Fantanele<br>— Garliciu<br>— Ghindaresti<br>— Gradina<br>— Harsova<br>— Horia<br>— Istria<br>— Lumina<br>— Medgidia<br>— Mihai Viteazu<br>— Mihai Kogalniceanu<br>— Mircea voda<br>— Navodari<br>— Nicolae Balcescu<br>— Ovidiu<br>— Pantelimon<br>— Pestera<br>— Poarta Alba<br>— Rasova<br>— Sacele<br>— Saligny<br>— Saraiu<br>— Seimeni<br>— Silistea<br>— Targusor<br>— Topalu<br>— Tortoman<br>— Vulturu<br>— Baneasa<br>— Dobromir<br>— Ion Corvin<br>— Lipnita | 28.10.2024 |

| Kontea | Żoni inklużi fiż-żona ristretta ulterjuri stabbilita fir-Rumanija kif imsemmi fl-Artikolu 1 | Data sa meta applikabbli |
|---|---|---|
| | — Oltina<br>— Ostrov<br>excluding the areas included in any protection or surveillance zone. | |
| | The following communes:<br>— Adamclisi<br>— Aliman<br>— Cernavoda<br>— Ciocarlia<br>— Cogealac<br>— Corbu<br>— Constanta<br>— Crucea<br>— Cuza voda<br>— Fantanele<br>— Garliciu<br>— Ghindaresti<br>— Gradina<br>— Harsova<br>— Horia<br>— Istria<br>— Lumina<br>— Medgidia<br>— Mihai Viteazu<br>— Mihai Kogalniceanu<br>— Mircea voda<br>— Navodari<br>— Nicolae Balcescu<br>— Ovidiu<br>— Pantelimon<br>— Pestera<br>— Poarta Alba<br>— Rasova<br>— Sacele<br>— Saligny<br>— Saraiu<br>— Seimeni<br>— Silistea<br>— Targusor<br>— Topalu<br>— Tortoman<br>— Vulturu<br>— Baneasa<br>— Dobromir<br>— Ion Corvin<br>— Lipnita<br>— Oltina<br>— Ostrov | 29.9.2024 – 28.10.2024 |
| **Il-kontea ta' Braila** | The entire county of Braila, excluding the areas included in any protection or surveillance zone. | 28.10.2024 |
| | The entire county of Braila | 29.9.2024 – 28.10.2024 |
| **Il-kontea ta' Calarasi** | The entire county of Calarasi, excluding the areas included in any protection or surveillance zone. | 28.10.2024 |
| | The entire county of Calarasi. | 29.9.2024 – 28.10.2024 |
| **Il-kontea ta' Ialomita** | The entire county of Ialomita, excluding the areas included in any protection or surveillance zone. | 28.10.2024 |
| | The entire county of Ialomita. | 29.9.2024 – 28.10.2024 |

| Kontea | Żoni inklużi fiż-żona ristretta ulterjuri stabbilita fir-Rumanija kif imsemmi fl-Artikolu 1 | Data sa meta applikabbli |
|---|---|---|
| **Il-kontea ta' Galati** | The entire county of Galati, excluding the areas included in any protection or surveillance zone. | 28.10.2024 |
| | The entire county of Galati. | 29.9.2024 – 28.10.2024 |
| **Il-kontea ta' Timis** | The following communes<br>— Banloc<br>— Birda<br>— Denta<br>— Deta<br>— Gataia<br>— Ghilad<br>— Giera<br>— Jamu mare<br>— Livezile<br>— Moravita<br>— Nitchidorf<br>— Tormac<br>— Voiteg<br>excluding the areas included in any protection or surveillance zone. | 15.11.2024 |
| | The following communes<br>— Banloc<br>— Birda<br>— Denta<br>— Deta<br>— Gataia<br>— Ghilad<br>— Giera<br>— Jamu mare<br>— Livezile<br>— Moravita<br>— Nitchidorf<br>— Tormac<br>— Voiteg | 16.10.2024 – 15.11.2024 |
| **Il-kontea ta' Caras-Severin** | The following communes<br>— Berliste<br>— Berzovia<br>— Bosca<br>— Ciudanovita<br>— Doclin<br>— Dognecea<br>— Forotic<br>— Goruia<br>— Gradinari<br>— Lupac<br>— Maureni<br>— Ocna de fier<br>— Oravita<br>— Racasdia<br>— Ramna<br>— Ticvaniu mare<br>— Varadia<br>— Vermes<br>— Vrani<br>excluding the areas included in any protection or surveillance zone. | 15.11.2024 |
| | The following communes<br>— Berliste<br>— Berzovia<br>— Bosca | 16.10.2024 – 15.11.2024 |

| Kontea | Żoni inklużi fiż-żona ristretta ulterjuri stabbilita fir-Rumanija kif imsemmi fl-Artikolu 1 | Data sa meta applikabbli |
|---|---|---|
| | — Ciudanovita<br>— Doclin<br>— Dognecea<br>— Forotic<br>— Goruia<br>— Gradinari<br>— Lupac<br>— Maureni<br>— Ocna de fier<br>— Oravita<br>— Racasdia<br>— Ramna<br>— Ticvaniu mare<br>— Varadia<br>— Vermes<br>— Vrani | |